MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2014

Appell Civili Numru. 116/2007/1

**Maryanne Higgins**

**v.**

**Concetta Higgins li b'nota tas-26 ta' Marzu 2007 dahlet bhala Kuratrici tal-konvenut Gordon Higgins**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-attrici, u iehor incidentali maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-6 ta' Lulju 2012 li biha dik il-Qorti ddecidiet billi: filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri 4, 5, 6 u 9, laqghet it-talba numru 1 u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba nkompatibbilita` ta' karattru u awtorizzathom jghixu separatament, laqghet it-talba numru 2 u ordnat lill-konvenut ihallas manteniment nominali ta' ghoxrin Euro (€20) fix-xahar, laqghet it-talba numru 7 limitatament billi ordnat li l-konvenut ma jistax jiret lill-attrici, laqghet it-talba numru 8 fis-sens li ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu terz [$^{1}/_{3}$] mill-attrici u zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-konvenut; u laqghet it-talba numru 3 fit-termini segwenti:

> "3. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikiwidaha billi tassenja lill-attriċi l-proprjeta' bin-numru 3, Triq il-Misqa, Żabbar, kif ukoll dik ta' 39 Triq San Ġorġ, Bormla, filwaqt li tassenja lill-konvenut il-fond, 2, Triq il-Misqa, Żabbar u dak numru 38, Triq San Ġorġ, Bormla, b'dan li l-istess konvenut iħallas lill-attriċi bħala ekwiparazzjoni s-somma ta' ħdax-il elf, mitejn u ħamsin Ewro (€11,250) għal darba waħda biss. Il-Qorti tordna li l-ishma mal-Global Capital u stocks tal-Gvern bi 6.35% (li jagħlqu 2018) jibqgħu in komuni bejn il-partijiet, iżda tawtoriżżahom jitolbu l-bejgħ tagħhom x'ħin jixtiequ, u r-rikavat jinqasam indaqs. Il-kontijiet bankarji f'isem il-kontendenti jiġu assenjati lil dik il-parti li jkun l-intestatarju ta' dak il-kont; il-mobbli fid-dar konjugali u l-ħanut għandhom jinqasmu b'mod li l-partijiet ikollhom nofs il-valur u għal dan l-iskop qed jiġi nominat Vincent Ciliberti biex jagħmel l-istimi neċessarji f'każ li

> l-partijiet ma jaqblux bejniethom u kull parti tieħu sehemha *tramite* sorteġġ; l-attriċi għandha żżomm l-oġġetti ndikati fid-Dokument MH7 fuq imsemmi għar-raġunijiet ġja' msemmija; taħtar lin-Nutar Dottor Myriam Spiteri Debono biex tippublika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Joe Mifsud bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji; il-kuntratt għandu jiġi pubblikat f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba tal-istess Nutar jew xi ħadd mill-partijiet u l-ispejjeż tal-kuntratt għandhom jitħallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs. F'każ li l-konvenut ma jħallasx l-ekwiparazzjoni fuq il-kuntratt in-Nutar li tippubblika l-att hija awtorizżata li tiskrivi ipoteka speċjali fuq il-fond 38, Triq San Ġorġ Bormla biex jiġi assikurat il-ħlas relattiv."

**2.** L-attrici appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti u ressqet hames aggravji: [1] li hi ma kellhiex tigi attribwita htija ghas-separazzjoni; [2] li l-manteniment ordnat mill-Qorti huwa baxx; [3] li ma taqbilx mal-qsim tal-assi tal-komunjoni, maghmul mill-ewwel Qorti; [4] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tastjeni mit-talba numru 4, u dik il-Qorti kellha tillikwida ammont anke *arbitrio boni viri* tal-ghamara parafernali taghha li skont hi ntremiet mill-konvenut; [5] li hi ma kellhiex issofri spejjez ta' dawn il-proceduri.

**3.** In bazi ghal dawn l-aggravji, l-attrici qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, tirrevokaha fid-dawl tal-kontenut tal-aggravji taghha, u tikkonfermaha ghal bqija, bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**4.** Il-konvenut, min-naha tieghu, filwaqt li qed jitlob li l-appell tal-attrici jigi michud, ipprezenta appell incidentali bazat fuq erba' aggravji: [1] li ma kellux jigi addebitat lilu ebda tort ghas-separazzjoni; [2] li ma kellux jigi ordnat ihallas

manteniment lill-attrici; [3] li ma jaqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-gid tal-komunjoni; [4] li ma jaqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti allokat l-ispejjez.

**5.** Illi ghar-ragunijiet moghtija minnu fir-risposta tieghu huwa qed jitlob li l-ewwel Qorti tichad l-appell tal-attrici, u abbazi tal-aggravji mressqa minnu tirriforma s-sentenza appellata fid-dawl tal-aggravji tieghu, u tikkonfermaha ghall-bqija bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**6.** Min-naha taghha l-attrici, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha, qed titlob li l-appell incidentali tal-konvenut jigi michud.

**Fatti**

**7.** Fis-succint, il-partijiet izzewwgu fit-30 ta' April 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li llum hija maggorenni. Qabel iz-zwieg, u anke ftit taz-zmien wara, l-attrici kienet tahdem go fabbrika, izda meta twieldet it-tifla waqfet tahdem. Sadanittant il-konvenut kien jahdem bhala *driver*. Fis-sena 1995 il-partijiet fethu *confectionery* li fih inizjalment kienet tahdem principalment l-attrici, filwaqt li l-konvenut kien jahdem filghaxija peress li kien ghad kellu x-xoghol mal-gvern. Eventwalment bdew jahdmu t-tnejn fil-hanut. Fis-sena 1997 biddlu l-generu tan-negozju u bdew ibighu l-affarijiet bl-imnut.

L-aspett finanzjarju tan-negozju kien dejjem jiehu hsiebu l-konvenut fis-sens li kien hu li kien izomm kontroll tal-flus u kien ihallas il-kontijiet kollha kemm tad-dar kif ukoll tal-hanut. Fis-sena 2005 l-attrici dawret il-hanut f'wiehed ta' bejgh ta' *toiletries* u *detergents* u eventwalment spiccat tahdem hi biss fih sakemm fl-ahhar ghalqitu lejn qrib is-sena 2006. F'Dicembru 2006 il-konvenut telaq mid-dar konjugali u mar jghix ghand ommu. Sussegwentement mar jghix l-Ingilterra, filwaqt li l-attrici baqghet tghix Malta fid-dar matrimonjali.

**8.** Matul il-konvivenza l-partijiet, permezz ta' self bankarji u l-hidma taghhom it-tnejn, irnexxielhom jakkwistaw erba' fondi, indikati aktar 'il quddiem, li skont il-Perit Buontempo jiswew, sitta u tmenin elf Euro (€86,000), mija u ghaxart elef Euro (€110,000), hamsin elf Euro (€50,000) u tmienja u hamsin elf u hames mitt Euro (€58,500) rispettivament, u dan apparti mill-ghamara tad-dar, armar tal-hanut, u xiri ta' *stock* ghall-hanut u affarijiet ohra.

## L-Appelli

**9.** *L-ewwel aggravju tal-appell principali u tal-appell incidentali*

**10.** Dawn l-aggravji huma diretti lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti elenkat il-konsiderazzjonijiet taghha rigwardanti l-htija ghas-separazzjoni. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> **"TORT**
>
> "Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut ġieli uża vjolenza fuqha; il-konvenut jiċħad dan u jgħid li huwa telaq mid-dar għaliex l-attriċi hija traskurata ħafna u ma setax jissaporti aktar il-ħmieġ, ġrieden u qtates fid-dar. Il-Qorti min-naħa tagħha jidhrilha li ż-żewġ partijiet spiċċaw jgħixu f' *sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune*. (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim' Awla – 13 ta' Ġunju 1967), għalkemm l-atteġġjament tal-konvenut li qabad u telaq mid-dar anzi siefer biex jeħles mill-problemi ma jistax ma jkunx kundannat. Kwindi f'dan l-aspett l-akbar tort huwa tiegħu iżda dan mhux esklussivament, u kif sewwa rrimarkat il-Perit Legali, li wieħed sempliċement jindika komportament negattiv fl-att promotur, ma hux biżżejjed għaliex dan mhux kawżali għal separazzjoni. Ma hemmx dubju pero' illi tirriżulta inkompatibbilta' ta' karattru u sa ċertu punt abbandun tad-dar konjugali."

**11.** L-attrici tilmenta li l-ewwel Qorti ma kellha ssib ebda htija fil-konfront taghha. Tghid li hi ressqet provi cari li l-konvenut kien wiehed minn dawk l-irgiel mohhom f'ommhom u *"fejn ommu dejjem giet l-ewwel u qabel kollox."* Tilmenta ukoll li omm l-konvenut kienet tindahal bejniethom.

**12.** Tghid li zewgha kien xhih maghha. Kien izomm *"kontroll assolut"* tal-flus kollha li jdahhlu, anke meta kellhom il-hanut, u, ghalkemm hi kienet tahdem

izjed minnu fil-hanut, ma kienx jaghtiha paga, u l-flus li kienu jdahhlu kien izommhom hu li min-naha tieghu kien ihallas il-kontijiet kollha. L-attrici tghid li hi kien ikollha taghtih rendikont u ircevuta ta' kull ma kienet tixtri.

**13.** Tghid li f'xi zmien kien jaghtiha erbghin Lira Maltin (Lm40) fix-xahar ghall-hajja ta' kuljum, u eventwalment beda jaghtiha hamsa u hamsin Lira Malta (Lm55) fix-xahar li pero` ma kienux iservuwha u ghalhekk kienet tirrikorri ghand ommha ghall-ghajnuna finanzjarja. Issemmi wkoll il-fatt li l-konvenut halliha hames snin minghajr *washing machine* peress li skont hu din inkissret tort taghha. Tghid li ghalhekk kienet kostretta tahsel il-hwejjeg b'idejha.

**14.** Hija ssemmi l-incident li sehh fis-sena 2002 li fih il-konvenut kien allegatament refa' idejh fuqha bir-rizultat li kisret kustilja mal-pum tal-bieb.

**15.** L-attrici tghid li bil-komportament tieghu l-konvenut *"naqas bil-kbir fl-ghajnuna u sostenn fil-konfront tal-appellanti [l-attrici] u tat-tifla Marilyn … kemm b'mod emozzjonali u finanzjarju, u kif ukoll [meta] abbanduna l-familja u mar jghix gewwa l-Ingilterra.".*

**16.** Tghid li tenut kont li dan il-komportament jikkostitwixxi ‘sevizzi’ fit-termini tal-ligi, kif ukoll tenut kont li l-konvenut telaq mid-dar u abbandunaha, l-ewwel Qorti kellha tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 48 fl-intier tieghu.

**17.** Min-naha tieghu l-konvenut, filwaqt li fix-xhieda tieghu in subizzjoni cahad l-allegazzjonijiet maghmula kontra tieghu, jghid li l-attrici ghandha l-vizzju tat-tipjip u tal-loghob tal-lotterija. Jispjega kif meta kienu gharajjes l-attrici kienet tghidlu li mill-paga li tkun dahhlet ma kien jibqalha xejn. Jghid li l-attrici kienet tonfoq hafna flus tilghab il-lotterija, u ghalhekk ma kienx jafdalha certu ammont ta’ flus f’idejha. Jistqarr li huwa minnu li hu kien izomm kontroll tal-flus, izda dan kien jaghmlu sabiex il-flus li jippercepixxu jintnefqu bil-ghaqal sabiex iservuhom. Jispjega li hu kien ihallas l-*utility bills* kollha anke tal-hanut. Kien hu li kien joqghod attent li l-partijiet iwarrbu flus bizzejjed sabiex ihallsu s-self bankarju li kienu dahlu ghalih, u li permezz tieghu kienu fethu n-negozju tal-*confectionery*, u setghu jixtru l-magni necessarji, kif ukoll akkwistaw il-proprjeta` li ghandhom illum. Jghid li hu kien waqaf jghaddi manteniment lill-attrici fis-sena 2005 meta din kellha l-hanut tal-*toiletries* u *detergents* u ghalhekk kellha flus biex issostni lilha nnfisha. Jispjega li l-hanut inghalaq peress li martu riedet li, filwaqt li hi tiehu l-profitti tal-hanut, hu jhallas l-i*stock* mill-paga tieghu ta’ driver. Eventwalment hi ghalqet il-hanut, bieghet l-i*stock* kollu, u zammet ir-rikavat kollu ghaliha, filwaqt li meta hu rritorna mill-Ingilterra kellu jhallas minn butu xi agenti li kienu ghadhom ma thallsux tal-affarijiet li martu kienet ordnat ghall-hanut.

**18.** Il-konvenut jichad li hu qatt kien vjolenti jew aggressiv fil-konfront ta' martu, jew li kien ihalli lilha nieqsa mill-flus. Huwa jispjega li meta fis-sena 1987 kellu paga mensili netta ta' mija, hamsa u hamsin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm155.95) lill-attrici kien jaghtiha hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) fix-xahar, filwaqt li bil-kumplament kien ihallas il-kontijiet.

**19.** Jghid li l-glied kontinwu bejniethom kien dovut ghall-fatt ukoll li martu kienet tpejjep kwantita` kbira ta' sigarretti, tant li kien sar jaf li anke matul it-tqala kienet tpejjep bil-mohbi tieghu.

**20.** Il-konvenut jispjega li bi sforz li jsalva z-zwieg, wara li kienu tkellmu mal-counsellor, huwa kien hallas il-bilanc tas-self dovut u ta lill-attrici nofs li kien baqa'. Ghalhekk lill-attrici taha s-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000); izda l-attrici xorta wahda riedet tissepara u hemm bdiet tilmenta mieghu mill-indhil ta' ommu.

**21.** Fl-appell tieghu l-konvenut jilmenta min-nuqqas ta' sens ta' responsabbilita` u ta' ghaqal ta' martu fejn jidhlu l-flus, u ghalhekk *"sabiex jassigura li l-hajja taghhom ma titfarrakx finanzjarjament huwa kellu jezercita certu kontroll dwar kemm kellha zzomm l-attrici bhala flus kull xahar, gjaladarba hija ma kienitx kapaci tamministrahom b'mod diligenti….Multo*

*magis meta kien ihallas il-kontijiet u l-utilitajiet tad-dar kollha wahdu mill-paga tieghu…"*

**22.** Il-konvenut jilmenta wkoll mit-*"telqa esagerata fid-dar matrimonjali"* da parti tal-attrici. Jghid li, minkejja li l-attrici *"ma kellhiex impediment legittimu li ma tahdimx barra mid-dar, l-attrici ghazlet li tibqa' d-dar u ma tikkontribwixxix ghall-htigijet tal-familja, u ma tiehux hsieb l-affarijiet tad-dar bhal hasil, indafa u tisjir…. L-attrici kienet mara ghazziena li ma tantx kellha ghal qalbha l-indafa tad-dar. Proprju din it-traskuragni, apatija u non-kuranza taghha wasslet ghal diversi tilwim u battibekki bejn il-partijiet u li fl-ahhar mill-ahhar farrket il-konvivenza matrimonjali."* Il-konvenut ipprezenta sett ta' ritratti, mehuda minnu qabel ma telaq mid-dar, li juru d-dizordni li kien hemm fid-dar, u jsostni li kien *"proprju din l-indifferenza u l-irresponsabbilita` min-naha tal-attrici baqghet tippersisti sakemm il-konvenut ma setax jiflah aktar jghix fil-hmieg, qalb il-qtates, il-grieden [pets tat-tifla], u l-hwejjeg jigru 'l hemm u 'l hawn u b'hekk kien kostrett li jitlaq mid-dar matrimonjali minhabba ragunijiet sanitarji."* Jghid li fid-dar kien hemm qattus, u t-tifla kellha seba' gaggeg bil-*hamsters*.

**23.** Jenfasizza li t-tluq tieghu mid-dar ma kienx wiehed *"kolpuz"* izda kien gustifikat, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex issib htija fil-konfront tieghu bazata fuq il-fatt li hu telaq mid-dar matrimonjali u *"siefer biex jehles mill-*

*problemi".* Isostni li hu telaq mid-dar minhabba *"problemi gravi ta' igene li maz-zmien saru nsapportabbli."*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**24.** Fl-ewwel lok il-Qorti tirribadixxi li din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, jekk mill-provi prodotti dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u sakemm ma jirrizultax zball manifest li jista' jwassal li parti jew ohra ssofri ingustizzja.

**25.** Fil-mertu tosserva li l-provi fil-kaz odjern jikkonsistu fl-affidavits u depozizzjonijiet tal-partijiet, u ta' ommhom li f'certu aspetti kkonfermaw ix-xhieda ta' uliedhom.

**26.** Illi din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li f'dan il-kaz irrizulta inkompatibbilta` ta' karattru bejn il-partijiiet li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg. Jidher car li l-kwistjonijiet ta' bejniethom kellhom il-bazi taghhom fil-fatt li l-konvenut ma kienx jafda lill-attrici bil-flus minhabba dak allegat minnu li hi dilettanta hafna tal-lottu, liema fatt ma giex kontradett mill-attrici. Jirrizulta wkoll li l-konvenut wera li huwa bniedem habbrieki fix-xoghol, tant li meta bdew ibighu r-ravjul mid-dar u mbaghad kellhom il-hanut huwa kien jaghmel

xoghol iehor ukoll. Jirrizulta wkoll li hu kien attent hafna fejn jidhol l-infieq tal-flus, tant li matul it-23 sena tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet akkwistaw erba' proprjetajiet apparti milli xtraw diversi oggetti kif fuq gja` indikat. Dan juri li l-konvenut kien jaf jamministra tajjeb il-flus percepiti mill-partijiet matul il-komunjoni.

**27.** Min-naha tal-attrici, jirrizulta li anke din kienet habbrieka u kienet tghin lill-konvenut fix-xoghol tal-hanut, tant li fil-bidu li fethu l-hanut u meta l-konvenut kien ghad kellu xoghol mal-gvern kienet hi li hadmet l-izjed fil-hanut. Ghalhekk mertu tal-hidma taz-zewg partijiet, il-komunjoni tal-akkwisti llum tgawdi mill-proprjeta` fuq indikata.

**28.** Min-naha l-ohra pero` l-komportament tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin kien nieqes hafna minn dik is-sensittivita` li hu rekwizit baziku f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Il-konvenut bil-hegga li jamministra tajjeb il-flus percepiti <u>mill-hidma taz-zewg partijiet</u> jidher li kien iebes wisq fejn jidhlu l-infieq ta' dawn il-flus, b'mod li l-attrici bir-ragun hassha li ma kinitx fdata bil-flus, kif ukoll li ma kinitx libera li tgawdi sehemha minn dawn il-flus kif xtaqet hi. Dan il-fatt jassumi karattru aktar gravi meta jigi meqjus fid-dawl tal-fatt li meta bdew bin-negozju, l-attrici kienet tahdem hafna u tat hafna kontribut ghall-awment finanzjarju tal-komunjoni. Dan in-nuqqas da

parti tal-konvenut wassal ghad-degenerazzjoni tar-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet.

**29.** F'dan il-kaz l-awment fil-gid komuni tal-partijiet kien a skapitu tar-relazzjoni ta' bejniethom, li eventwalment iddeterjorat b'mod li anke meta l-konvenut, bi sforz li jsalva z-zwieg, ta lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) sabiex tonfoqhom kif xtaqet, hija xorta wahda nsistiet li tkompli bis-separazzjoni. Inoltre jirrizulta li l-proceduri odjerni gew istitwiti mill-attrici fit-13 ta' Mejju 2007, u cioe` sena u ftit xhur wara li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali f'Dicembru 2006 meta mar jghix ghand ommu, u eventwalment mar jghix l-Ingilterra.

**30.** Min-naha tal-attrici, jirrizulta mill-provi li din kienet traskurata fiz-zamma tad-dar matrimonjali, tant li ftit qabel is-separazzjoni *de facto* l-konvenut tramite l-avukat tieghu kien kiteb ittra lill-attrici sabiex tnehhi l-qattus u l-*hamsters* li kienu qed jinzammu d-dar u li, tenut kont tal-fatt li l-attrici ma kinitx tnaddaf sew il-hmieg taghhom kien jakkumula b'mod li kien jaghmel hafna rwejjah li kien izidu mad-dizordni li kien ikun hemm fid-dar matrimonjali. Mir-ritratti esebiti mill-konvenut tirrizulta manifesta t-telqa u d-dizordni li kien jakkumula fid-dar matrimonjali u li wassal lill-konvenut sabiex jitlaq mid-dar ghax ma felahx jghix hemm aktar.

**31.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li ma ssemmietx fl-atti l-possibilita` li l-partijiet jingaggaw persuna sabiex perjodikament tghin fit-tindif u fil-facendi tad-dar matrimonjali, partikolarment fiz-zmien meta l-partijiet kienu jahdmu t-tnejn u kellhom introjtu tajjeb. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa verosimili u probabbli li t-telqa li kien hemm fid-dar kien fattur kontributorju sabiex il-konvenut jitlaq mid-dar u jmur jghix band' ohra, izda min-naha l-ohra ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-istess konvenut sabiex jaghti s-sehem tieghu sabiex id-dar matrimonjali tkun nadifa u l-affarijiet jinzammu f'posthom, anke bl-ghajnuna ta' terzi. Il-Qorti hi tal-fehema li z-zewg partijiet naqsu f'dan ir-rigward, u b'mod partikolari l-konvenut li minflok ra kif ghamel sabiex jirrimedja ghal din is-sitwazzjoni fid-dar li bir-ragun kienet iddejqu, telaq mid-dar u siefer minn Malta u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li *"l-atteggjament tal-konvenut li qabad u telaq mid-dar anzi siefer biex jehles mill-problemi ma jistax ma jkunx kundannat. Kwindni f'dan l-aspett l-akbar tort huwa tieghu izda mhux esklussivament.".* Din il-Qorti tosserva wkoll li mill-atti jidher li fl-istadju meta l-konvenut telaq mid-dar ir-relazzjoni matrimonjali kienet spiccat, u l-konvivenza matrimonjali ma kinitx aktar sopportabbli ghaz-zewg partijiet.

**32.** Rigward l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut kien aggressiv, kien jghajjat u kien jinfexx ikisser l-affarijiet fid-dar, kif ukoll li darba minnhom kien refa' jdejh fuqha, apparti mill-fatt li l-attrici ghajr ghall-allegazzjoni taghha ma ressqitx provi fir-rigward, bhal per ezempju certifikat mediku jew xhieda ohra,

din giet michuda mill-konvenut, u ghalhekk ma ssibx sostenn sufficjenti fil-provi. Kif lanqas issib sostenn fil-provi l-allegazzjoni attrici li meta l-konvenut telaq u mar jghix l-Ingilterra huwa dahal f'relazzjoni extra-matrimonjali.

**33.** In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehema li, ghalkemm irrizulta li l-attrici kellha n-nuqqasijiet taghha li mmanifestaw ruhhom fiz-zwieg u li kkontribwew ghall-htija tas-separazzjoni, principalment id-dizordni li fiha hi kienet thalli fid-dar matrimonjali, il-htija principali tat-tifrik taz-zwieg tirrisjedi fuq il-konvenut li bil-kontroll strett li hu kien izomm fuq il-flus percepiti matul iz-zwieg bil-hidma taz-zewg partijiet kien irrenda l-konvivenza matrimonjali insapportabbli ghall-attrici li min-naha taghha kellha ssofri l-offiza kontinwa li zewgha ma kienx jafdaha bil-flus tal-komunjoni u li dawn kienu jintefqu skont ir-rieda tieghu biss. L-insensittivita` tal-konvenut lejn il-bzonnijiet ta' martu mmanifestat ruhha b'mod konkret fl-episodju li jirrigwarda l-*washing machine* li, peress li skont hu l-mutur inharaq tort tal-attrici, huwa halla lil martu hames snin minghajr *washing machine*, tahsel il-hwejjeg jew b'idejha jew tahsilhom ghand ommha.

**34.** Di piu` l-konvenut meta hass li ma kellux jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, minflok ma ha mizuri sabiex titranga s-sitwazzjoni, qabad u siefer u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha in vjolazzjoni tal-obbligu tal-assistenza reciproka bejn il-konjugi skont l-Artikolu 3 tal-Kap. 16.

**35.** Illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti u l-konkluzjoni raggunta minnha, hlief fil-proporzjon fil-htija li tat lill-partijiet. Din il-Qorti thoss li t-tort ghandu jinqasam inkwantu ghal erbgha minn hamsa [$^4/_5$] fuq il-konvenut u r-rimanenti kwint [$^1/_5$] fuq l-attrici.

**36.** Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel aggravju tal-appell principali huwa fondat limitatament ghall-fatt li l-htija akkollata lill-attrici ghandha tkun ta’ kwint [$^1/_5$] u mhux ta’ terz [$^1/_3$], filwaqt li tqisu nfondat ghall-kumplament; tiddikjara l-ewwel aggravju tal-appell incidentali bhala nfondat.

*<u>It-tieni aggravju tal-appell principali u tal-appell incidentali</u>*

**37.** Dawn jirrigwardaw id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar it-talba attrici ghall-hlas lilha ta’ manteniment. L-attrici qed tappella mill-*quantum* tal-manteniment, u qed titlob li dan jizdied, filwaqt li l-konvenut qed jappella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ordnatlu li jhallas manteniment, anke nominali, lill-attrici. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

**“MANTENIMENT**

> "Illi għandu jingħad illi kuntrarjament għal dak illi jiġri f'dawn il-kawżi, l-attriċi ma preżentat ebda rikors biex titlob manteniment *'pendente lite'* għalkemm għamlet din it-talba fir-rikors promotur. Dan wassal lill-Perit Legali biex tasal għall-konklużjoni li effettivament hija ma kellha ebda bżonn ta' manteniment, argument li naturalment rikeb fuqu l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. *Oltre* dan huwa qed jgħid ukoll li m'għandux impjieg u allura ma jistax imantni lill-attriċi.

> "Illi ma jistax jingħad li l-fatt li l-attriċi ma preżentat ebda talba biex tiġi akkordata manteniment matul il-kors tal-kawża, m'għandux is-saħħa loġika tiegħu; fuq kollox il-kawża ġiet intavolata fl-2007; peress ukoll li l-konvenut dak iż-żmien ma kienx Malta hu probabbli li l-attrici fittxet u sabet xi xogħol. L-argument li hija tista taħdem daqs il-konvenut sa ċertu punt huwa minnu anke jekk wieħed għandu jgħid li nisa tal-eta' tal-attriċi (li twieldet fl-1963) ma tantx kienu jiġu mħejjija għad-dinja tax-xogħol, iżda pjuttost biex jieħdu ħsieb il-familja.

> "Illi l-Qorti mill-banda l-oħra ma jidhriliex li l-attrici naqset b'mod u manjiera li għandha tiddekadi mid-dritt tagħha msemmi, u għalhekk fis-sitwazzjoni odjerna se tordna l-ħlas ta' manteniment nominali peress li ma jidhirx li l-konvenut bħalissa għandu impjieg."

**38.** L-ilment tal-attrici huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kellha tordna hlas ta' manteniment akbar, kif ukoll tordna l-hlas tal-arretrati ta' manteniment, in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet: [a] li l-attrici ghada minghajr impieg u huwa ferm difficli li ssib xoghol, specjalment meta wiehed iqis illi minhabba li kienet waqfet tahdem meta twieldet bint il-kontendenti, ilha ghexieren ta' snin nieqsa mid-dinja tax-xoghol [ghajr ix-xoghol li kienet taghmel ma' zewgha stess]; [b] li l-konvenut dejjem kellu xoghol kif jirrizulta mill-provi dokumentali u ghalhekk ma hemmx dubju li huwa jista' jaghti manteniment idoneju lill-attrici.

**39.** Min-naha tieghu l-konvenut jghid li fl-ewwel lok, l-attrici hija f'qaghda li tahdem u messha ilha li bdiet tahdem u ma ghandha l-ebda impediment legittimu li ma taghmilx dan. Inoltre, ma tressqet ebda prova li l-attrici pprovat issib xoghol biex tmanti lilha nnifisha. Ma provatx l-element tal-bzonn attwali mehtieg sabiex jiskatta l-obbligu tal-manteniment favur taghha. Barra minnhekk il-fatt li matul il-proceduri odjerni li jirrisalu ghas-sena 2007, l-attrici ma ghamlitx talba ghall-hlas lilha ta' manteniment provvizorju *pendente lite*, taghti konfort qawwi lit-tezi tal-konvenut li l-attrici m'ghandhiex bzonn li tigi mantnuta minn zewgha. Fit-tieni lok, jghid li kellhom jigu applikati mill-ewwel Qorti s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-attrici bhala l-parti hatja tal-firda.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**40.** Dawn l-appelli jikkoncernaw it-tieni talba attrici dwar l-ordni ghall-hlas ta' manteniment da parti tal-konvenut, u s-seba' talba dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut.

**41.** Qabel xejn din il-Qorti tosserva in linea generali li l-parti hatja ghall-firda ghandha l-obbligu li thallas manteniment lill-parti l-ohra, u li l-manteniment

jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat jamministrah.[1]

**42.** Fil-kaz in dizamina, ghalkemm jirrizulta li z-zewg partijiet huma hatja ghall-firda l-htija tal-konvenut hija ferm akbar minn dik tal-attrici, u fic-cirkostanzi din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-htija tal-attrici m'ghandhiex tattira fil-konfront taghha s-sanzjonijiet, la in parte u wisq anqas *in toto*, kontemplati fl-Artikolu 48. Taqbel ukoll mal-ewwel Qorti meta ddecidiet li fil-konfront tal-konvenut ghandha tapplika l-Artikolu 48 parzjalment, fis-sens li l-konvenut jitlef id-drittijiet successorji a tenur tal-paragrafu [a] tas-subinciz [1] tal-istess artikolu.

**43.** Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet fattwali.

**44.** Ghalkemm l-attrici ma ddekadietx mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha bhala l-konjugi principalment hati ghas-separazzjoni, mill-banda l-ohra ma rrizultax li din ghandha bzonn attwali ghall-manteniment minghand zewgha. Kif jirrizulta mill-provi, l-attrici kwazi dejjem hadmet fil-hajja taghha, kemm ma' kumpanija privata meta kienet ghadha gharusa u ftit wara z-zwieg, kif ukoll meta l-partijiet bdew jaghmlu r-ravjul mid-dar u jbighuh u eventwalment fethu hanut tal-*confectionery*. Inizjalment kienet l-attrici li l-izjed

[1] Ar.20[1] Kap.16

kienet tahdem fil-hanut peress li zewgha kien ghadu bix-xoghol tieghu ta' *impressed* driver mal-gvern. Imbaghad meta zewgha waqaf minn dan ix-xoghol beda jahdem *full-time* fil-hanut. Sussegwentement meta inbidel il-generu tal-hanut u bdew ibighu *toiletries* u *detergents*, kienet l-attrici li kienet tahdem *full-time* fil-hanut, filwaqt li l-konvenut kien rega' beda jahdem bhala *driver*.

**45.** Ghaldaqstant hija gratuwita s-sottomissjoni tal-attrici li tenut kont tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li *"ilha ghexieren ta' zmien nieqsa mid-dinja tax-xoghol"* huwa ferm difficli ghaliha li din issib xoghol. Il-provi juru proprju l-kuntrarju. L-attrici kwazi dejjem hadmet, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara, u l-fatt li hi kienet tiggestixxi negozju flimkien ma' zewgha ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, ghax dak li hu essenzjali ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna, mhuwiex biss ma' min hdimt, izda n-natura u s-sieghat ta' xoghol li kienet taghmel.

**46.** Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti meta donnha poggiet lill-attrici fl-istess sitwazzjoni ta' *"nisa tal-eta` tal-attrici [twieldet fil-1963] ma tantx kienu jigu mhejjija ghad-dinja tax-xoghol, izda pjuttost biex jiehdu hsieb tal-familja".* Il-provi juru li l-attrici kienet ilha fid-dinja tax-xoghol minn qabel iz-zwieg, u kwazi dejjem hadmet matul iz-zwieg.

**47.** Inoltre, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-fatt li l-attrici ma talbitx hlas ta' manteniment *pendente lite* tul il-kawza li tirrizali ghas-sena 2007 jaghti konfort qawwi lit-tezi tal-konvenut li *rebus sic stantibus* l-attrici mhijiex fil-bzonn attwali ta' manteniment minghand il-konvenut ghas-sostenn taghha.

**48.** Ghaldaqstant in mankanza ta' prova li l-attrici mhux qed tahdem, jew li ghandha xi kondizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu adegwat ghaliha, u fin-nuqqas ta' provi li juru li hi verament ghandha bzonn manteniment minghand zewgha, kif *del resto* osservat l-ewwel Qorti tant li akkordatilha manteniment "nominali", din il-Qorti hi tal-fehema li, ferm id-dritt tal-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut jekk involontarjament din tisfa bla mezzi ghall-ghejxien taghha, il-konvenut m'ghandux jigi ordnat ihallas manteniment lill-attrici, lanqas ammont "nominali". F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li l-ordni ta' hlas ta' manteniment nominali hi kontradittorja, ghax il-manteniment jew huwa dovut skont il-ligi, jew mhux. Fejn hu dovut, allura l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fid-dawl ta' dak li jiddisponi tal-Artikolu 20 tal-Kap. 16.

**49.** Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li hu kien waqaf mix-xoghol fis-sena 2008 din mhi sorretta minn ebda prova, ghajr l-allegazzjoni nuda u cruda tieghu, u, tenut kont li hu dejjem hadem kemm qabel, kif ukoll matul iz-zwieg,

u tenut kont li ma gab ebda prova dwar xi kondizzjoni medika li timpedih milli jahdem, il-prezunzjoni ghandha tkun kontra din l-allegazzjoni.

**50.** Ghaldaqstant tikkunsidra t-tieni aggravju tal-appell principali bhala nfondat, filwaqt li tqis bhala fondat t-tieni aggravju tal-appell incidentali fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet fuq premessi fis-sens li *rebus sic stantibus* il-konvenut mhux ser jigi ordnat jivversa ebda manteniment lill-attrici.

*It-tielet aggravju tal-appell principali u t-tielet aggravju tal-appell incidentali*

**51.** L-aggravju tal-attrici huwa bazat fuq il-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-beni tal-komunjoni, kif ukoll li fil-komputazzjoni taghha dik il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi: [1] l-arretrati ta’ bollol dovuti lid-dipartiment koncernat, u li jirreferu ghaz-zmien meta hi kienet tahdem gewwa l-hanut; [2] li ma haditx kont tar-rikavat tal-bejgh tal-ishma fil-kont numru 672530 li nofshom jappartjenu lill-attrici; [3] li ma haditx kont tal-kontijiet tas-servizzi fid-dar matrimonjali u li jirriferu ghaz-zmien meta l-konvenut kien ghadu jghix hemm.

**52.** L-aggravju tal-konvenut huwa mmirat mhux lejn il-qsim proprju, izda lejn il-valuri tal-proprjetajiet accettati mill-ewwel Qorti. Dik il-Qorti accettat l-istimi, maghmula mill-Perit A. Buontempo minflok dawk maghmula mill-Agent Immobiljari Dhalia Estate. Huwa jghid li dan wassal sabiex iz-zieda fl-istimi,

holqot differenza ta' sittax-il elf, mitejn u hamsin Euro (€16,250) fiz-zewg porzjonijiet li ssarrfet f'ekwiparazzjoni ta' hdax-il elf, mitejn u hamsin Euro (€11,250). Id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward irrizultat f'ingustizzja lill-konvenut, u ghalhekk qed jitlob li, anke jekk din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fir-rigward, ghandha *"tapplika l-ekwita` meta tigi sabiex tirrevedi l-ekwiparazzjoni jew addirittura tnehhija billi tadotta l-istima tal-agenti."*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**53.** B'referenza ghall-aggravju tal-attrici, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet.

**54.** L-aggravju huwa fondat inkwantu ghall-arretrati ta' bollol ammontanti ghas-somma ta' hames mija, sebgha u disghin Euro u hdax-il centezmi (€597.11) u li jirreferu ghas-sena 2005 meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien. Dan jirrizulta mid-dokument prezentat mill-attrici u mahrug mid-Dipartiment tat-taxxi interni.[2] Ghalhekk, tenut tal-fatt li d-dokument qieghed fuq isem l-attrici, il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici nofs dan l-ammont, u cioe` mitejn u tmienja u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmi (€298.55).

[2] Fol.404

**55.** L-aggravju huwa wkoll fondat fil-pretenzjoni tal-attrici li l-konvenut ghandu jhallas nofs il-kontijiet esebiti minnha bhala dokumenti markati “MH8” “MH9” u “MH10”[3], li jirrapprezentaw konsum relatat mas-servizzi installati fid-dar matrimonjali. Ghalkemm il-perjodi indikati fuq dawn id-dokumenti jirreferu ghaz-zmien wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, xorta wahda huma debiti tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk huma a karigu taz-zewg partijiet. Id-dokument MH8 juri bilanc ta’ ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmi (€20.82c), id-dokument MH9 juri bilanc ta’ mija, hamsa u ghoxrin Euro u sittin centemzi (€125.60), filwaqt li d-dokument MH10 hija ittra legali li tirreferi ghall-arretrati ta’ mija u tnax-il Euro u tnejn u tletin centezmi (€112.32) u li huma nkorporati fil-bilanc tad-dokument MH9. Ghalhekk huwa dovut lill-attrici mill-konvenut nofs l-ammonti ta’ ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmi (€20.82c) u mija u hamsa u ghoxrin Euro u sittin centezmi (€125.60), ammontanti dan in-nofs ghal tlieta u sebghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmi (<u>€73.21</u>).

**56.** L-aggravju huwa infondat inkwantu ghall-pretenzjoni attrici ta’ nofs is-somma ta’ hdax-il elf, hames mija, tlieta u sittin Euro (€11,563) referibbilment ghall-ishma fil-Malta Stock Exchange plc bin-numru 672530 f’isem iz-zewg partijiet. Id-dokument[4] relattiv juri li dawn l-ishma li kienu mal-Bank of Valletta gew mibjugha fil-25 ta’ Mejju 2006, izda, ghalkemm l-attrici tghid li dawn ingibdu mill-konvenut wahdu, ir-rapprezentant tal-Borza fix-xhieda taghha tghid li dawn l-ishma inbighu u *“….sabiex isir dan il-bejgh <u>il-konjugi</u> jridu jmorru*

[3] Fols.300-302
[4] Fol.297

*ghand l-istockbrocker, f'dan il-kaz partikolari l-BOV."*[5] Ghalhekk ma jirrizultax provat li dawn il-flus ingibdu mill-konvenut wahdu u zamm ir-rikavat ghalih.

**57.** L-aggravju tal-attrici b'referenza ghall-mod tal-qsim tal-proprjeta` immobiljari mhuwiex gustifikat. Hija qed tippretendi li l-fondi 2 u 3 Triq il-Misqa Zabbar huma "*essenzjalment fond wiehed"* u dawn ghandhom jigu assenjati lilha filwaqt li l-fondi 38 u 39 fi Triq San Gorg Bormla jigu assenjati lill-konvenut. Tippretendi wkoll li m'ghandhiex thallas l-ekwiparazzjoni rizultanti mid-differenza bejn il-porzjonijiet, peress li hi m'ghandhiex htija ghas-separazzjoni, li ghad ghandha tiehu arretrati ta' manteniment, u li hi ma hadet xejn mir-rikavat tal-bejgh tal-ishma fil-Malta Stock Exchange indikati fil-paragrafu precedenti.

**58.** Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> **"Beni immobbli;**
>
> "Illi a fol 364 *et sequitur* ġew ippreżentati rapporti tal-A.I.C. Buontempo għall-attriċi u Estate Agent għall-konvenut, illi stmaw il-proprjetajiet formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti. Il-Qorti jidhrilha li għandha tadotta, għal ragunijiet ovvji, il-valutazzjonijiet tal-Perit e*x parte* preżentati mill-attriċi. Għalkemm aġent immobiljari jaf il-prezzijiet fis-suq, il-Qorti tqis aktar affidabbli valutazzjonijiet ta' persuna professjonali.
>
> "Illi l-proprjetajiet jinkludu:

[5] Fol.286

"Fond – 3 Triq il-Misqa Zabbar; li kien il-fond matrimonjali u għadha tgħix fih l-attriċi, stmat tmienja u sittin elf Ewro (€86,000);

"Garaxx – 2 Triq il-Misqa Zabbar stmat mija u għaxart elef Ewro (€110,000) bħalissa mgħaqqad mal-fond fuq imsemmi;

"Fond – 39 Triq San Ġorġ, Bormla, stmat ħamsin elf Ewro (€50,000); Garaxx – 38 Triq San Ġorġ Bormla, stmat tmienja u ħamsin elf u ħames mitt Ewro (€58,500).

"Illi l-Qorti ma taqblix li dawn għandhom jinbiegħu bis-subasta la darba tista ssir qasma, purke' bl-ekwiparazzjoni għaliex se tassenja l-ewwel u t-tielet fond lill-attriċi u t-tnejn l-oħra lill-konvenut."

**59.** Illi f'dan l-istadju, u qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tittratta l-aggravju dwar il-qsim tal-assi tal-komunjoni, huwa opportun li ssir referenza ghall-allegazzjoni tal-attrici maghmula b'rikors prezentat minnha fit-13 ta' Marzu 2014, li hi fis-sens li fil-mori tal-appell il-konvenut xtara proprjeta` immobbli gewwa l-Ingilterra flimkien ma' mara ohra. In sostenn ta' din l-allegazzjoni huwa pprezenta dokument mibghut lilha mil-Land Registry ta' Merseyside fejn hemm indikat li fil-21 ta' Awwissu 2012[6] il-konvenut flimkien ma' mara ohra xtraw bicca art gewwa l-Ingilterra ghall-prezz ta' £119,000. Il-Qorti tosserva li dan id-dokument, konsistenti f'pagna b'zewg faccati jidher li huwa estratt deskritt bhala "Official Copy of register of title" mahrug mil-Land Registry Croydon Office sitwat fi Croydon l-Ingilterra, izda, ghalkemm dan id-

[6] Kwazi xahar minn meta nghatat is-sentenza appellata fis-6 ta' Lulju 2012

dokument jghid li "under s.67 of the land Registration Act 2002 this copy is admissible in evidence to the same extent as the original"[7], ma fihx ir-rekwiziti necessarji ta' forma sabiex tivverifika l-awtenticita` tieghu. Dan id-dokument la hu ffirmat u ma fihx r-rekwiziti sabiex din il-Qorti tista' taccettah bhala prova awtentika tal-kontenut tieghu. Di fatti lanqas ma hu apostillizzat kif tirrekjedi l-Hague Convention tas-sena 1961".

**60.** Ghaldaqstant din il-Qorti fl-assenza tal-prova tal-awtenticita` tad-dokument prezentat, ma tistax tqisu bhala prova sodisfacenti tal-kontenut tieghu, u ghalhekk ghall-fini ta' dan il-gudizzju mhux ser tiehu kont tal-ezistenza tal-akkwist hemm indikat. Min-naha l-ohra din il-Qorti ser thalli impregudikata din il-vertenza dwar jekk verament sarx mill-konvenut l-akkwist tal-art indikata fid-dokumenti prezentati, u jekk verament sarx il-hlas tal-ammont fuq indikat. Izda filwaqt li ser tirrizerva din il-vertenza ghal proceduri appoziti istitwiti wara li l-attrici tkun fil-pozizzjoni li tressaq provi sodisfacenti fir-rigward, tiddikjara li l-flus li talvolta jirrizultaw li gew versati mill-konvenut ghall-akkwist in kwistjoni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk l-attrici hi intitolata li tircievi nofshom minghand il-konvenut.

**61.** Ghaldaqstant it-tielet aggravju tal-attrici huwa gustifikat limitatament ghall-krediti ta' mitejn u tmienja u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmi

---
[7] Fol.60

(€298.55) u tlieta u sebghin Euro u wiehed u ghoxrin centemzi (€73.21), b'kollox tliet mija u wiehed u sebghin Euro u sitta u sebghin centezmi (€371.76), filwaqt li hu nfondat ghall-kumplament.

**62.** B'referenza ghat-tielet aggravju tal-konvenut, din il-Qorti tosserva li l-partijietipprezentaw stimi *ex parte* indikanti l-valur tal-proprjeta` immobbli, wahda maghmula mill-Perit Buontempo, u l-ohra minn agenzja maghrufa fil-qasam tal-bini. Fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2010[8] l-ewwel Qorti, filwaqt li rrilevat li m'hemmx qbil fl-istimi tal-partijiet rigward il-proprjetajiet, innominat il-Perit Mario Cassar ghal dan il-ghan, izda dan l-inkarigu ma giex esegwit u l-Qorti ghaddiet minghajru.[9] Il-Qorti tosserva li z-zewg partijiet kienu konxji tal-fatt li, in mankanza ta' rapport ta' perit tekniku, l-ewwel Qorti kien ser ikollha taghzel bejn stima jew l-ohra, jew inkella tikkalkola l-istimi hi fuq nofs id-differenza fil-valuri indikati fl-istimi. L-ewwel Qorti ghazlet li tistrih fuq l-istimi maghmulin mill-Perit Buontempo, u fic-cirkostanzi kien perfettament lecitu li tuza d-diskrezzjoni taghha bil-mod li uzatha. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm ma hemmx dubju li agenzija li tahdem fit-trasferimenti tal-proprjeta` tkun *au courant* tal-prezzijiet tal-proprjetajiet fis-suq, il-periti huma l-persuni l-izjed kwalifikati sabiex jaghtu stima ta' proprjeta` immobbli, tenut kont mhux biss tal-lokalita` u tad-daqs tal-fond, izda wkoll tal-kundizzjoni u l-istat tal-istess fond. Ghalhekk din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti.

---

[8] Fol.399

[9] Jigi osservat li b'rikors datat 5 Awwissu 2010 l-attrici talbet li d-digriet tan-nomina tal-perit tekniku jigi emendat fis-sens li l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut u mhux a karigu taghha. L-ewwel l-Qorti laqghet it-talba taghha wara li osservat li l-konvenut ma kienx ipprezenta risposta [fol.414].

**63.** Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-konvenut huwa nfondat.

<u>*Ir-raba' aggravju tal-appell principali*</u>

**64.** Dan jirrigwarda t-talba numru 4 li permezz taghha l-attrici qed titlob li l-konvenut jirritornalha fi zmien qasir u perentorju l-oggetti kollha parafernali inkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallasha l-valur taghom. L-ewwel Qorti ddecidiet din it-talba billi astjeniet millli tiehu konjizzjoni taghha "billli ma hemmx lokha in vista ta' dak gja` deciz."

**65.** Dan l-aggravju tal-attrici huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut *"rema' ghamara parafernali tal-appellanti u cioe` kamra tal-pranzu u kamra tas-sodda tan-nannu taghha...minghajr il-permess [taghha], u l-appellanti thoss li jkun gust li l-appellant ghandu jaghmel tajjeb ghal din l-ghamara anke jekk ikun il-kaz billi l-Qorti tillikwida ammont arbitrio boni viri."*

**66.** Din il-Qorti tosserva fir-rigward li donnha l-attrici insiet li fl-affidavit taghha qalet li, wara li l-konvenut ma ridhiex ggorrhom maghha fid-dar konjugali f'Haz Zabbar *"ommi tathom lil wahda mara".*

**67.** Ghalhekk dan l-aggravju huwa fattwalment insostenibbli u altament fieragh.

*Il-hames aggravju tal-appell principali u r-raba' aggravju u tal-appell incidentali*

**68.** Permezz ta' dawn l-aggravji l-partjiiet qed jitolbu r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li allokatilhom parti mill-ispejjez. Il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa marbut mal-ewwel aggravju tal-partijiet, u taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet hemm maghmula minn din il-Qorti dwar ir-responsabbilita` taghhom, kif ukoll ghal konkluzjoni taghha li l-ispartizzjoni tal-ispejjez ghandha ssir fil-proporzjon hemm indikat.

**69.** Ghaldaqstant l-aggravju tal-attrici huwa limitatament fondat fis-sens li hi ghandha thallas $^{1}/_{5}$ mill-ispejjez, filwaqt li l-konvenut ghandu jhallas ir-rimanenti $^{4}/_{5}$. Konformement l-aggravju tal-konvenut fir-rigward, qed jitqies bhala nfondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq indikati tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu limitatament kif ser jinghad: tirrevoka l-ewwel kap tal-parti operattiva, u

minflok, tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, principalment tort tal-konvenut, u sussidjarjament tort tal-attrici, u tawtorizzahom jghixu separatament; tirrevoka t-tieni kap tal-parti operattiva, u minflok, filwaqt li tafferma d-dritt tal-attrici li din titlob manteniment minghand il-konvenut fil-kaz li din involontarjament tisfa' bla mezzi ghall-ghixien taghha, *rebus sic stantibus* tichad it-tieni talba attrici; temenda t-tielet kap tal-parti operattiva fis-sens li tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tliet mija wiehed u sebghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€371.76); thalli impregudikat id-dritt tal-attrici ghal nofs l-ammont versat mill-konvenut jekk jigi provat li wara l-ghoti tas-sentenza tal-ewwel Qorti huwa akkwista xi proprjeta` barra minn Malta; tirrevoka t-tmien kap tal-parti operattiva, u minflok, tordna li l-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell principali jigu spartiti bejn il-partijiet inkwantu ghal erbgha minn hamsa [$^{4}/_{5}$] a karigu tal-konvenut u kwint [$^{1}/_{5}$] a karigu tal-attrici; l-ispejjez tal-appell incidentali ghandhom ikunu kollha a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------